# QRATI KRIMINALI INFERJURI

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA LL.D.

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**JOSEPH ZAFFARESE**
**(ID Nru.: 31373M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 285/2012**

Illum,13 ta` Awwissu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Zaffarese, detentur tal-karta tal-identita` numru 31373 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta` Frar, 2012, u granet precedenti gewwa Bormla u f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxieh liema oggett huwa *laptop* tal-marka MSI li l-valur tieghu huwa ta` tlett mija disgha u disghin ewro (€399) ghal detriment ta` Josephine Mary Cuschieri mill-Fgura.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 266 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi in-sostenn ta` dawn l-akkuzi, il-Prosekuzzjoni ipprezentat diversi xhieda u ntardat diversi dokumenti li jikkonkludu li l-*laptop* misruq, oggett ta` din il-kawza, kien gie mixtri mill-imputat minn certu Johan Calleja. Ma jistax jezisti dubju dwar dan il-fatt.

Izda din il-Qorti ttenni li, bhala element tar-reat ta` ricettazzjoni, ix-xjenza ta` min qieghed jixtri l-oggett illi huwa misruq, hija imperattiva sabiex l-imputat jista` jinstab hati ta` tali reat.

Illi waqt illi l-Prosekuzzjoni ghamlet it-trattazzjoni tal-kaz taghha, dina l-Qorti ghandha wkoll, fl-atti taghha, in-nota ta` sottomissjonijiet eccellenti tal-Avukat Difensur Dr. Noel Cuschieri, u ma tara l-ebda raguni sabiex ma taghmilx taghha l-argumenti intardati f'dina l-istess nota ta` sottomissjonijiet.

Illi jezisti dubju ragonevoli dwar ix-xjenza tal-imputat meta huwa xtara dan il-*laptop*.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-istess imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**
**MAGISTRAT**